# BEATI U QADDISIN...APRIL

28 TA' APRIL

San Lwigi Marija Grignion de Montfort



It-tieni minn tmintax- il wild ta Jean-Baptiste (1647-1716), avukat, u ta' Jeanne Robert de la Vizeule (1649-1718), Luigi Grignion twieled fil-31 ta' Jannar 1673 gewwa Montfort-la-Cane, illum Montfort – sur – Meu fi Franza. Hajtu kienet wahda qasira, infatti miet meta kellu 43 sena . Il-familja tieghu kienet wahda profondament kattolika u allura ma setghax jonqos li l-edukazzjoni tieghu nisranija kienet wahda soda.

Ta' eta' bikrija beda' juri sinjali ta' hajja qaddisa, hidma ghal-appostolat u devozzjoni mill-qalb lejn il-Vergni Mqaddsa espressa biz-zieda ta' l-isem ta' Marija ma' l-isem tieghu Lwigi. Dan sehh meta rcieva l-Grizma ta' l-Isqof. Ghamel l-istudji umanistici u dawk filisofici fil-kullegg ta' San Tumas Becket gewwa Rennes taht il-gwida tal-gizwiti fejn tnisslet hbiberija bejnu u l-futur

kanoniku Jean-Baptiste Blain (1674 – 1751) li hallilna xiehda prezzjuza tal-hajja tal-qaddis.

Fil-harifa tas-sena 1692 mar joqghod gewwa Parigi biex jistudja t-teologija fis-Sorbona, u dahal, fis-seminarju ta' San Suplizju grazzi ghall-borsa ta' studju. Fil-5 ta' Gunju tas-sena 1700 ta' 26 sena gie ordnat sacerdot u dahal ghall-hidma ta' appostolat fost il-poplu meta bit-taghlim u l-ezempju tieghu kien joffri skola ta' fidi lil ta' madwaru.



F'Novembru tas-sena 1701 l-isqof djocesan mons Claude de la Poype de Vertrieu nnominah kappillan ta' l-isptar ta' Poiters. Huwa hadem hafna f'dan l-isptar biex inissel ordni u riformi fejn kien hemm it-tahwid u ta ezempji kbar ta' cahda tieghu nnifsu. Flimkien ma' Marie Louise Trichet, il-futura beata Suor Marija Luisa ta' Gesu', bint il-prokuratur generali, waqqaf il-kongregazzjoni ta' Ulied il-Karita' li kienu jaghtu s-servizz taghhom fl-isptar u joffru ghajnuna lit-tfal. L-ghedewwa tal-knisja, l-aktar il-Gansenisti ghamlu gwerra kontra tieghu, tant qalila, li wara erba' snin kellu jabbanduna l-inkarigu li tieghu kien responsabbli, dik tat-tmexxija ta' l-isptar, minkejja l-gratitudni tal-morda li wrewha bl-aktar mod klamoruz.

Baqa' sena ohra gewwa Poiters bit-tama li jikkonverti dawk l-infidili. Wara mar pellegrinagg bil-mixi lejn Ruma biex jikkonsulta ruhu mal-Vigarju ta' Kristu, il-Papa Klement XI (1700 – 1721) . Il-papa inkorragih biex ikompli l-appostolat tieghu fi Franza.

Minhabba li ostakolawh li jidhol Poiters huwa mar jevangelizza lokalitajiet ohra gewwa Franza. Il-missjoni tieghu kienet karakterizzata mill-predikazzjoni, taghlim tal-katekizmu u manifestazzjonijiet pubblici ta' kult, fuq kollox purcissjonijiet li kienu jilhqu l-quccata taghhom billi l-partecipanti jgeddu l-weghdiet tal-maghmudija. Kien jorganizza dawn il-manifestazzjonijiet biex juri b'mod visibbli l-veritajiet tal-fidi nisranija fil-berah u anke ukoll biex johodha kontra dawk li kienu qed jattakkaw dawn il-wirijiet religjuzi pubblici . Kien iheggeg l-uzu tal-kant

popolari li hafna minnhom ikkomponihom hu stess billi dawn mhux biss kienu jittrasmettu l-messagg nisrani, imma wkoll iheggu il-qalb.

Waqqaf il-kumpannija ta' Marija, kongregazzjoni ta' sacerdoti li kellhom il-vot li jorganizzaw missjonijiet fost il-poplu. Fis-sena 1708 gewwa Nantes waqqaf ghaqda ta' lajci imsejha Hbieb tas-Salib. Huwa kien iheggighom biex jaccettaw is-salib li hu parti mill-hajja nisranija. Is-salib, kien jghallem, iressqek aktar qrib lejn Kristu.

Gewwa Pontchateau huwa gabar numru kbir ta' nies ta' kull eta' u sess biex jibnu il-Kalvarju li kellu jkun lok ghall-pellegrinaggi. Lejliet li kellu jigi mbierek, l-isqof ipprojbixxa li jigi imbierek billi sema' li kellu jkun distrutt minn ordni tar-re ta' Franza li kien influwenzat mill-Gansenisti, seta eretika kontra l-knisja kattolika. Meta sema' din l-ahbar huwa qal lil elfuf migbura ghat-tberik tieghu: "Kienet it-tama taghna li nibnu Kalvarju hawn; ejjew nibnuh fil-qalb taghna. Ikun imbierek Alla."

Ma kienx jibza' jippridka minkejja li vvalenawh ghalkemm dan l-attentat ma kienx fatali. Kompla jahdem bla ma qata' qalbu, jghallem u jwaqqaf skejjel ghat-tfal, imma mikdud mill-hafna xoghol u mard miet f'April 28 tas-sena 1716.